MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 1465/2004

**Ryan Dimech**

**vs**

**Elmo Insurance Agency Limited u b'digriet tal-11 ta' Frar 2005 giet ordnata korrezjoni fl-okkju fis-sens li giet kancellata l-kelma 'Agency'**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju 2004 fejn l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf Lira Maltija (Lm1,000), skond polza tal-assikurazzjoni fuq il-vettura Fiat Regatta bin-numru tar-registrazzjoni IAA 271, liema vettura li kienet tappartjeni lill-attur insterqet fis-6 ta' Gunju 2000 u ma nstabitx.

Illi minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont hekk dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest tal-11 ta' Jannar 2001, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elf Lira Maltija (Lm1,000), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-protest tal-11 ta' Jannar 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------